MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1874/2000/1

**Unifoods Limited**

**Vs**

**Alfred Martin ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Alfred's General Trading Ltd.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur nomine ppremetta illi gie kkundannat ihallas l-ammont ta' elfejn lira Maltin u dan skond sentenza datata 8 ta' Ottubru, 1999 u dan minhabba merkanzija mibjugha mill-konvenut nomine lill-attur nomine ma thallsitx;

Premess illi u ser jirrizulta mill-provi l-ammont kanonizzat thallset direttament lill-konvenut nomine u dan mill-klijenti ta' l-attur nomine peress illi l-attur nomine nforma lill-klijenti sabiex ihallas il-kreditu direttament lill-konvenut nomine;

Premess illi l-attur nomine kellu stock ta' madwar tlett mitt lira Maltin (Lm300) u dan l-istock l-istess attur kien ftiehem mal-konvenut nomine sabiex jiehdu lura;

Premess illi l-konvenut nomine hareg mandat ta' qbid numru 1036/98 ghall-ammont allegatament dovut liema mandat inhareg abuzivament u illegatament peress illi dan il-kreditu issa huwa saldat u l-attur nomine ma baqghalu jaghtih xejn;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddeciedi illi dan il-mandat ta' qbid numru 1036/98 hareg abuzivament da parte tal-konvenut nomine;

2. Tikkundanna u tordna lill-konvenut nomine sabiex jirrevoka l-mandat ta' qbid numru 1036/98 fl-ismijiet hawn fuq imsemmi ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

Bl-ispejjez u l-konvenut nomine huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine** a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari l-mertu tac-citazzjoni odjerna gja gie trattat permezz tar-rikors numru 1440/00 CFS (Dok.AM1) fl-ismijiet premessi u liema rikors gie degretat fl-24 ta' Lulju, 2000 (Dok. AM2) u ghaldaqstant il-mertu huwa llum *res judicatat*.

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju c-citazzjoni odjerna hija wahda frivola u vessatorja stante illi

huwa biss tentattiv iehor tas-socjeta' Unifoods Ltd. sabiex tahrab mill-obbligu taghha illi thallas id-debitu hekk kif kanonizzat mis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta tat-8 ta' Ottubru, 1999 (Citaz Nru. 2482/97 GCD) kopja legali taghha hawn annessa u mmarkata Dok. AM3.

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, il-premessi tac-citazzjoni odjerna huma xejn hlief ripetizzjoni tar-rikors Numru 1440/00 CFS li *a sua volta* huma in sustanza ripetizzjoni tan-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' Unifoods Ltd. tal-kawza fuq citata u li gja gew esposti u trattati fl-istess kawza u kwindi llum ghal din ir-raguni huma wkoll *res judicata*.

4. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mid-data tas-sentenza citata sal-lum il-konvenut nomine ma rceva l-ebda pagament kontra tali kreditu la minghand is-socjeta' Unifoods Ltd. u lanqas minghand l-allegati debituri ta' l-istess socjeta' Unifoods Ltd.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-decizjoni preliminari a fol. 49;

Rat li ma saru ebda noti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-mertu, l-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddeciedi illi l-mandat ta' qbid numru 1036/98 hareg abuzivament mill-konvenut nomine kontra taghhom.

Il-konvenuti wiegbu li c-citazzjoni odjerna hija wahda frivola u vessatorja billi hija biss tentattiv iehor tas-socjeta' Unifoods Ltd. sabiex tahrab mill-obbligu taghha illi thallas id-debitu kanonizzat bis-sentenza tat-8 ta' Ottubru, 1999 Dok a fol 19. Mid-data tas-sentenza citata sal-lum il-

konvenut nomine ma rceva l-ebda pagament kontra tali kreditu la minghand is-socjeta’ Unifoods Ltd. u lanqas minghand l-allegati debituri ta’ l-istess socjeta’ Unifoods Ltd.

**Tikkunsidra**

Kwantu ghal dak li xehed l-attur li l-konvenut kien accetta li jigbor id-dejn u li l-bilanc pendenti, il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza a fol. 19 **kienet diga iddecidiet** li ma kienet saret ebda novazzjoni li tehles lis-socjeta’ attrici mid-dejn taghha. Is-socjeta’ konvenuta kellha relazzjoni kuntrattwali ma’ l-atturi biss, u s-socjeta’ konvenuta ma kienitx sejra tehles lil atturi mid-debitu taghhom biex toqghod tigri wara hafna nies li maghhom ma kellha ebda relazzjoni.

L-atturi qed isostnu li huma ma hallsu l-bilanc li qed jitlobu l-konvenuti u li kienu gew ikkundannati biex ihallsu bis-sentenza a fol 19 ghax meta kkuntattjaw lill-kljenti li kellhom ihallsuhom qalulhom li kienu diga hallsu lill-Alfred Martin.

Biex jipprova dana l-atturi ressqu bhala xhieda lill Dieter Fenech li esebixxa d-dokumenti DF1 u DF2 biex juri li kien hallas lill-konvenuti. L-invoice li pprezenta dan ix-xhud iggib id-data tal-20 ta’ Marzu, 1997 fl-ammont ta’ Lm17.91. Jigi rilevat pero li dana kien pagament li sar qabel ma kienet deciza l-kawza a fol 19 u dika l-Qorti kienet iddecidiet li l-ammont mitlub mill-konvenuti kien dovut.

L-istess jista’ jinghad dwar ix-xhud Judith Dimech, l-impjegata li kellhom l-atturi. Din wkoll spiccat mix-xoghol maghhom fil-1997 qabel ma bdiet il-kawza l-ohra a fol. 19. Meta kienu nfirdu l-partijiet hi kienet marret gabret xi flus f’isem Decelis. Mill-qbija cjoe sar wara il-1997 ma tafx x’gara.

Provi ohra l-atturi ma gabux. F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga, jrid jipprovaha huwa a sodisfazzjon tal-Qorti. Art 562 Kap 12. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni

tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - ghaliex legalment hu mhux obbligat li jipprova. L-azzjoni ta' l-attur ma tirnexxiex semplicement ghaliex dan ma jkunx irnexxilu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu (Ara Dr. H. Lenicher vs J. Camilleri 31/3/72 PA RF ).

Fil-kaz in ezami ma giex pruvat li wara s-sentenza fuq citata l-konvenuti gabru xi flus li suppost kellhom jigbru l-atturi.

Finalment kwantu ghal dak li hemm imsemmi fill-premessi tac-citazzjoni li l-attur nomine kellu stock ta' madwar tlett mitt lira Maltin (Lm300) u dan l-istock l-istess attur kien ftiehem mal-konvenut nomine sabiex jiehdu lura, l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza a fol 19 fejn dan l-istess punt **kien diga deciz** fis sens li ma kienx hemm dana l-ftehim.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
Tichad it-talba attrici
Bl-ispejjez **kollha** kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------